MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2012

Rikors Numru. 11/2012

**A B**
**vs**
**C D GJA C B NEÉ D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta:

1. Illi l-kontendenti konjugi B nfirdu legalment nhar il-25 ta' Mejju, tas-sena 2007 (25.05.07), u cioe' erba' snin u seba' xhur ilu, apparti mill-fatt illi kienu ilhom numru ta' snin bi proceduri kontenzjuzi quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti w ghaldaqstant jikkwalifikaw skond il-Ligi effettiva mill-1 t' Ottubru, 2011 biex japplikaw u jottjenew id-Divorzju billi jitolbu ghal xoljiment taz-zwieg taghhom permezz ta' din il-procedura. Kopja Legali ta' dan il-Kuntratt in Atti Nutar Dr Liza Camilleri li llum saret Nutar Dr Liza Schembri, qieghed jigi hawn mehmuz liema Att Pubbliku ta' Firda Legali personali gie nsinwat proprju nhar it-30 ta' Mejju,

2007 u dan anke skond id-dettalji li jirrizultawa mill-anness dokument indikat bhala Dokument PM 1.

2. Illi a bazi ta' l-Att Pubbliku hawn indikat u mehmuz bhala Dokument PM 1, l-Intimata C D: Id Number E kienet irrevertiet ghal kunjom xbubitha D u ghalhekk ma baqghetx maghrufa legalment bhala **C B**.

3. Illi skond il-Ligi li tintitola konjugi biex jitolbu l-hall ossia x-xoljiment taz-zwieg taghhom permezz tal-procedura tad-Divorzju, huwa imperattiv li jkunu gew sorvolati l-aspetti tal-manteniment kif ukoll tax-xoljiment tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti u dawna l-aspetti legali huma kollha koperti fil-kontenut ta' l-Att Pubbliku citat kemm ghal dak li jirrigwarda s-sitwazzjoni legali vis-a-vis l-Intimata kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-manteniment lill-minuri E B li twieled nhar il-11 ta' Marzu, tas-sena 1998 (11.03.1998) u ghaldaqstant l-elementi biex jissodisfaw il-vot tal-Ligi li jiggustifika t-talba u t-tehid tad-Divorzju quddiem din il-wisq Onorabbli Qorti huma ben sodisfatti.

Talab, prevja r-referenza ghall-kontenut kollu ta' dan ir-Rikors odjern, prevja r-referenza ghall-Att Pubbliku tal-25 ta' Mejju, tas-sena 2007, li iktar minn erba' snin u seba' xhur ilu kien irregola l-Firda Legali bejn il-kontendenti konjugi B u l-aspetti ta' manteniment, inkluz manteniment tal-minuri, kif ukoll ix-xoljiment ta' l-Komunjoni ta' l-Akkwisti appartenenti w ezistenti bejn il-konjugi B, prevja r-referenza ghal dan kollu, li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex fic-cirkustanzi u skond il-Ligi, tidderigi, tippronunzja u tordna illi:-

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet li kien sehh nhar l-10 ta' Lulju, tas-sena 1999, u dana skond l-anness Dokument hawn indikat bhala Dokument “PM 1”;

b. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-Divorzju tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta stante li l-vot tal-Ligi fil-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta relatata mal-Procedura tad-Divorzju giet ampjament issodisfata;

c. Li jinghataw dawk il-provvedimenti kollha opportuni nkluz direttivi li din il-wisq Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq w opportun fic-cirkustanzi relatati mat-talbiet hawn fuq suesposti.

Rat ir-risposta tal-intimata, li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi l-esponenti ma topponix ghat-talba maghmula mir-rikorrent zewgha ghall-hall taz-zwieg taghhom u taqbel illi jikkonkorru l-elementi mahsuba fid-dispozizjonijiet tal-Artikolu 66 B kif korrettament senjalat mir-rikorrenti fit-talba promotur tieghu b'dan illi l-ispejjez tal-istess ghandhom jigu sapportati mill-istess rikorrenti zewgha;
Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Jannar, 2012;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lill-intimata tixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-partijiet irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi gie ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-25 ta' Mejju 2007;

Rat illi gie ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda problema dwar hlas ta' manteniment.

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------